MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 828/2007

**Noel Agius (ID 8073M) u martu Romina Agius (ID 146578M)**
**fisimhom proprju u ghan-nom u in rapprezentanza ta' binhom minuri Jaid sive Jide Agius**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti**

Rat **l-atti tar-rikors** li permezz tieghu ir-rikorrenti ssottomettew:

Illi r-rikorrenti huma mizzewgin, u fit-30 ta' Marzu 2004, twildilhom iben, kif jidher mic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat 'Dok. A.';

Illi fl-istess certifikat jidher illi l-isem ta' iben ir-rikorrenti huwa 'Jaid', mentri l-intenzjoni tar-rikorrenti kienet illi jsemmu lil binhom 'Jide';

Illi l-isem ta' 'Jaid', fonetikament jinstema' bhall-isem femminili ta' 'Jade', filwaqt li iben ir-rikorrenti huwa mdorri li jissejjah bl-isem ta' 'Jide';

Illi llum iben ir-rikorrenti ghandu tlett snin u huwa mdorri dejjem jissejjah bhala 'Jide', kif fil-fatt kienet l-intenzjoni originali tal-genituri tieghu;

Illi iben ir-rikorrenti ha jibda l-iskola f'qasir zmien, u jekk is-sitwazzjoni ma tigix ratifikata hemm cans illi dan it-tifel jigi ridikolat minhabba l-konnotazzjonijiet femminili li ghandu l-isem 'Jaid';

Ghaldaqstant l-esponenti qeghdin umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, a tenur ta' l-Artikolu 253 et. sequitur tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex:

(1) Tiddikjara illi iben ir-rikorrenti jinghata l-isem '**Jide'**;

(2) Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jissostitwixxi l-isem tal-minuri 'Jaid', bl-isem ta' '**Jide**' fir-registrazzjoni ta' l-att tat-twelid ta' iben ir-rikorrenti (Dok. A), b'dana illi l-isem ta' '**Jide**' ikun l-uniku isem ta' l-istess minuri fl-imsemmi att tat-twelid;

(3) Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex il-bdil ta' l-isem ta' iben ir-rikorrenti fl-att tat-twelid anness, ordnat minn din l-Onorabbli Qorti, jigi rifless ukoll fis-segwenti atti ta' l-istat civili.

Rat ir-**risposta guramentata ta' l-intimat** a fol. 9 tal-process fejn eccepixxa:

1 Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2 Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-intimat li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti stante li jirrizulta mill-Att tat-Twelid in kwistjoni li d-dikjarant kien il-missier Noel Agius stess li kellu l-obbligu li jivverifika li l-informazzjoni li ta u iffirma ghaliha kienet korretta.

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Tant ghandu x'jissottometti l-esponent ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet lir-rikorrent, lid-difensur tieghu u lid-difensur ta' l-intimat.

Billi t-talba tar-rikorrent ma gietx kontestata salv ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez u pubblikazzjonji.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi tilqa' t-talbiet attrici
Tiddikjara illi iben ir-rikorrenti jismu '**Jide'**;
Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jissostitwixxi l-isem tal-minuri 'Jaid', bl-isem ta' '**Jide**' fir-registrazzjoni ta' l-att tat-twelid ta' iben ir-rikorrenti (Dok. A), b'dana illi l-isem ta' '**Jide**' ikun l-uniku isem ta' l-istess minuri fl-imsemmi att tat-twelied;

Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex il-bdil ta’ l-isem ta’ iben ir-rikorrenti fl-att tat-twelied anness, ordnat minn din l-Onorabbli Qorti, jigi rifless ukoll fl-atti ta’ l-istat civili tat-tifel.
Tordna illi ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Spejjez ghar-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------